



Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14968/23

LIMITE

PECHE 486

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0359(NLE)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward tal-istokkijiet tal-baħar fond - Preżentazzjoni mill-Kummissjoni - Skambju ta' fehmiet

1. Fil-25 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(3) TFUE¹. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana għall-2024, u f'xi każijiet għall-2025 u l-2026, għal dawg l-istokkijiet fejn ikun disponibbli parir xjentifiku għal dak il-perjodu, u tkopri:

- l-istokkijiet awtonomi tal-Unjoni;
- l-istokkijiet kondiviżi li huma ġestiti b'mod konġunt bilateralment jew trilateralment mar-Renju Unit u/jew in-Norveġja, jew li kienu soġġetti għall-konsultazzjonijiet tal-istati kostali tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal;
- l-opportunitajiet tas-sajd skont il-ftehimiet konklużi fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs); kif ukoll

¹ ST 14720/23 + ADD 1 + ADD 2

- ċerti opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE.
2. Huma mistennija dokumenti informali addizzjonali tal-Kummissjoni biex jikkomplementaw il-proposta fi żmien debitu.
 3. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżaminaw il-proposta fil-laqgħa virtwali tiegħu fil-31 ta' Ottubru. Xi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju.
 4. DK daħħlet riżerva ta' skrutinju parlamentari.
 5. Id-delegazzjonijiet tennew l-impatt tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd ma' partijiet terzi, jiġifieri mar-Renju Unit, man-Norveġja u l-konsultazzjonijiet trilaterali bejn l-UE, ir-Renju Unit u n-Norveġja. Xi kummenti rreferew għall-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ma' pajjiżi terzi.
 6. Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni u jiskambja fehmiet dwar din il-kwistjoni.